MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 9/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**

**Vs**
Adrian Vella

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 t'April, 2004 ghall-habta tat-3.30 p.m. fl-inhawi tac-cimiterju tal-Addolorata waqt stagun maghluq ghall-kacca :**

**1) kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-ghata taghha;**
**2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex tikkaccja minghajr ma ghandu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;**

**3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex tikkaccja barra minn fond minghajr ma ghandu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;**
**4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur jekk ma jkunx xi ghasfur inkluz fl-iskedi I, II, jew III jinsabu mar-regolamenti.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Jannar, 2005, li biha, wara li rat l-A.L. 146/93 Art 9 (1)(a), l-A.L. 146/93 Art 4 (a), l-A.L. 146 ta' 1993, 12(1) u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal mitejn lira Maltin (LM200) multa w ordnat il-konfiska tal-oggetti ezebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Jannar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni, htija w piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Semghet ix-xhieda mill-gdid bil-gurament.

Rat il-verbal registrat minn Dr. Franco Debono ghall-appellant li bih iddikjara li l-appellant kien qed jirrinunzja ghall-appell tieghu dwar il-mertu tal-kaz u kien qed izommu ferm biss ghall-aggravju sussidjarju dwar il-piena.

Rat in-nota ta' cessjoni tal-appellant f'dan is-sens.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li bih qablet li fiz-zmien tar-reat l-appellant kien ghadu minorenni w ghalhekk hemm lok ta’ riduzzjoni fil-piena minn dik ta’ multa ghal dik applikabbli ghal kontravenzjonijiet skond l-artikoli 37 u 31(1)(f) tal-Kodici Kriminal ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u r-raba’ imputazzjoni. Invece ghal dak li jirrigwarda t-tieni w it-tielet imputazzjonijiet li jaqghu taht l-Arms Ordinance (Kap. 66) hemm lok ghal temperament fil-piena ghall-istess raguni minn dik minima ta’ xahrejn prigunerija ghal dik ta’ ammenda skond l-artikoli 37 u 31(1)(c).

Rat il-verbal li bih il-partijiet qablu illi r-reat taht it-tieni imputazzjoni serva bhala mezz sabiex gie kommess ir-reat taht it-tielet imputazzjoni ghall-fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

Ikkonsidrat :

Illi mhux kontestat li fi fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati l-appellant kien ghadu minorenni w ghalhekk seta’ jibbenefika mir-riduzzjoni fil-piena kontemplata fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta, cioe’ f’riduzzjoni ta’ grad jew tnejn mill-piena preskritta.

Illi ma jidhirx li dan l-artikolu gie konsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w ghalhekk l-aggravju tal-appellant dwar il-piena jidher pjenament gustifikat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-erba mputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w in kwantu ordnat il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-multa ta’ mitejn lira Maltin (LM200) u minflok tikkundannah ghall-ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ghal kull wahda mill-ewwel, it-tielet u r-raba’ mputazzjonijiet (b’kollox LM75) u dana billi t-tieni imputazzjoni serviet bhala mezz biex seta’ jigi kommess ir-reat taht it-tielet imputazzjoni a tenur tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------